**Kunsill Lokali Mġarr**
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt url : www.mgarr.gov.mt


# Seduta numru 30 tas-Sitt Leġislatura
# Illum it-Tnejn 20 ta' Ġunju 2011

**MINUTI**

Il-Membri eletti fl-elezzjonijiet lokali ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv fil-5.30p.m. fuq l-Aġenda segwenti:

1. *Approvazzjoni tal-Minuti*
2. *Korrispondenza*
3. *Komunikazzjonijiet*
4. *Annallizar ta' l-offerti għas-servizz ta' Tindif u Manutenzjoni ta' Lattrini Pubbliċi u ta' Ġbir ta' Skart Goff*
5. *Affarijiet Mixxellanji*

Kienu preżenti is-Sindku Paul Vella, il-Viċi-Sindku Eman Vella, Il-Kunsillier Clayton Gauci, il-Kunsilliera Maria Said u s-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli. Il-Kunsillier Giovanni Gatt kien skużat.

Il-laqgħa giet immexxija mis-Sindku, Paul Vella.

**1 Minuti**

*Approvazzjoni tal-Minuti*

1.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

*Punti mill-Minuti*

1.2 Punt 2.7 – Il-Kunsill qabel li tintbgħat ittra lill-Arriva (kkuppjata lill-Transport Malta) fejn jiġi spjegat li numru ta' ismijiet ta' bus-stops huma ħżiena u jindikaw postijiet differenti.

1.3 Punt 5.1 – Dwar l-attivita' tal-ħuġġieġa ta' San Ġwann, il-Kunsill approva li qed jiġi pprovdut budget ta' €100 għall-din l-attivita', f'każ li jkun hemm bżonn xi spejjeż.

1.4 Punt 6.2 – il-Kunsill qabel li jiżdiedu il-bins fil-bajja tal-Ġnejna.

Kunsill Lokali Mġarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt url : www.mgarr.gov.mt

**2 Korrispondenza**

2.7 Il-Kunsill innota l-korripondenza mill-MEPA.

2.2 Il-Kunsill innota wkoll ir-rapporti li daħlu fis-sistema tal-*Customer Care*.

2.3 Korrispondenza mingħand is-Sur Saviour Mifsud dwar it-tender tal-Lattrini, fejn fiha kkonferma li s-servizz ta' l-*overtime* kien ser ikun 'gratis'.

2.4 Korrispondenza mingħand BD Construction bi stima ta' konkos għall-Triq il-Fuħħar l-Aħmar peress li parti minn din it-triq ċediet. Il-Kunsill ipprova jġib aktar stimi imma dawn baqgħu ma waslux. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol isir mill-BD Construction.

2.5 Korrispondenza mill-NSO dwar *survey* li se jsir f' numru ta' familji dwar is-separazzjoni ta' l-iskart.

2.6 Korrispondenza ssenjalata mill-Kunsillier Clayton Gauci dwar bozza tad-dawl fi Triq l-Aruna. Il-Kunsill approva li din il-bozza teħel.

2.7 Korrispondenza mingħand il-Ministeru tas-Saħħa tirrapporta ħmieġ fl-inħawi tal-Bokka taċ-Ċarċara. Il-Kunsill ser jibgħat lill-impjegati tiegħu sabiex dawn inaddfu l-post.

2.8 Korrispondenza mingħand il-Corinthia Sports & Social Club fejn saret talba biex jitneħħa il-pagament tal-permess għall-*barbeque*, peress li din l-attivita' ser issir għall-karita'. Il-Kunsill qabel li dan jingħata mingħajr ħlas if mitlub.

2.9 Korrispondenza mingħand il-Koptasin fejn saret talba sabiex ssir laqgħa dwar is-servizzi tagħhom. Il-Kunsill qabel li din issir.

2.10 Korrispondenza mingħand Cedric Debono dwar informazzjoni dwar is-Silo tal-Palma biex jinkiteb artiklu fuq Sky Life Magazine. Il-Kunsill qabel li dan isir bħala mezz ta' promozzjoni.

**3. Komunikazzjonijiet**

3.1 Is-Sindku informa dwar proġett ta' rinnovament tas-'Search-Light' fl-inħawi ta' Fomm ir-Riħ. Sar studju mill-Universita' ta' Malta dwar dan u hemm il-ħsieb li jsir afforestament peress li l-bank HSBC hu interessat li jisponsorja it-tħawwil tas-siġar. Is-Sindku semma' kif l-indikazzjonijiet ta' dan l-isponsorship jidhru favorevoli. Fil-fatt sejra ssir laqgħa ma' Mr Sullivan li hu wieħed mill-kapijiet ta HSBC Europe dwar il-possibilita' ta' dan il-proġett.

3.2 Is-Sindku semma' kif, wara li riċentament saru xi *barriers* bir-reklami fuqhom, jidher li l-ideja intlaqat tajjeb u kien hemm talbiet oħra. Il-Kunsill ddiskuta x' għandu jsir u

Kunsill Lokali Mġarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt url : www.mgarr.gov.mt

ntlaħaq qbil li jiġu offruti numru ta' *barriers* simili. Għaldaqstant ser jinġabru xi kwotazzjonijiet oħra għall- dan ix-xogħol. Il-Kunsill ser joħroġ sett ta' kriterji dwar – installazzjoni ta' dawn il-barriers kif ukoll ġie deċiż li l-Kunsill ikollu d-deċiżjoni finali dwar dawn.

**4. Annallizar ta' l-offerti għas-servizz ta' Tindif u Manutenzjoni ta' Lattrini Pubbliċi u ta' Ġbir ta' Skart Goff**

4.1 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv rrappurtaw dwar laqgħat li kellhom ma' Christian Galea u Saviour Mifsud dwar it-tender tal-Lattrini u ma' Melchior Dimech dwar it-tender għall-ġbir ta' skart goff.

Intqal li wara d-diskusjoni ma' dawn it-tlieta jirriżulta li Saviour Mifsud u Melchior Dimech huma l-aktar tnejn li jersqu qrib l-għanijiet tal-provizzjoni ta' servizz. Il-Kunsill, wara li reġa' ra l-offerti kollha mitfugħa, u wara li sema' dan ir-rapport, iddeċieda bi qbil unanimu li jaċċetta s-servizz ta' Saviour Mifsud u ta' Melchior Dimech biex dawn jibdew jaħdmu minnufih.

**5. Affarijiet Mixxellanji**

5.1 Il-Kunsilliera Clayton Gauci u Eman Vella rrappurtaw dwar iż-żjara li għamlu fil-belt ta' Mathi fejn mhux biss iltaqgħu mar-rappreżentanti tar-raħal ġemellati miegħu, iżda wkoll ma' uffiċċjali ta' Las Parejas, Arġentina – raħal li hu ukoll ġemellat ma' Mathi.

5.2 Is-sindku semma li waslitlu talba biex issir żebra-crossing u li din għandha ssir darba jitlesta t-tender tas-sinjali tat-traffiku.

5.3 Clayton Gauci informa li kien ser jerġa jiġi organizzat volleyball league fil-bajja tal-Ġnejna f' Lulju.

**Aġġornament**

Il-laqgha ntemmet fis-8.10pm u ġiet aġġornata għat-Tlieta, 12 ta' Lulju 2011 fil-5.30pm.

***Cyprian Dalli***
Segretarju Ezekuttiv

***Paul Vella***
Sindku